MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Numru. 203/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 5 ta’ Gunju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**Vs**

**Neville Cassar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Neville Cassar ta’ 29 sena, imwieled Pieta’ nhar is-16 ta’ Jannar 1979 bin Anthony u Josephine nee’ Farrugia, residenti gewwa 130 Flat 10, Triq San Nikola, l-Belt, Valletta jew 56, Flat 1, Triq San Patrizju, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ numru 47779M;

Talli nhar id-29 ta’ Frar 2008 gewwa l-Hamrun biex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, jew ta’ bank privat, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija/firma falza, jew ta taghrif falz, billi holoq pattijiet jew disposizzjonijiet foloz fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta PLC Malta;

U aktar talli fl-istess lok, dati, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi gewwa l-Hamrun, b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-ligi, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew wera haga b’ohra sabiex igieghel li titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’mezz iehor bi hsara ta’ Bank of Valletta PLC, Warp Speed Technology Ltd, Hi Brand Ltd (Sunlab Shops) u Marcomp Ltd (PC Zone).

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 185, 186, 187, 188, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Ufficjali tal-Probation u tal-Agenzija Caritas jaghtu x-xiehda taghhom dwar l-andament tal-imputat kemm ilu taht is-sorveljanza taghhom;

**Ikkonsidrat:**

Peress illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-Qorti kellha biss tikkunsidra l-piena f'dan il-kaz. Ghal dan il-ghan, il-Qorti semghet lill-Ufficjal tal-Probation, Carmen Nygaard, tixhed wara li kienet ipprezentat "pre-sentencing report" kif mitluba minn din il-Qorti, kif ukoll lir-rappresentant tal-Agenzija Sedqa, Ray Grech, jixhed dwar il-progress li l-imputat kien irregistra fil-frattemp. Ir-rakkomandazzjonijiet li saru lill-Qorti minn dawn l-ufficjali kienet li l-imputat jibda minnufih jattendi programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, u fil-fatt kienu gia' saru arrangamenti biex hekk kif jinghata sentenza, hu jkun jista' jibda dan il-programm dak il-hin stess.

Il-Qorti rat ukoll li mid-data meta tressaq b'arrest sa llum, jigifieri madwar tlitt xhur, l-imputat baqa' taht arrest preventiv, u dan kien ta' beneficcju ghalih peress illi lahaq ghamel l-arrangamenti necessarji biex ikun jista' jibda dan il-programm.

Inoltre, il-Qorti giet infurmata ukoll li l-imputat kien irritorna kollox lura lid-derubati u hallas lura kull ma kien ha b'mod illecitu, u ghalhekk ukoll hu jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kap 9. Madankollu, ir-reat li bih l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti hu wiehed ta' certa serjeta', aktar u aktar jekk l-istess reat ikun akkumpanjat mill-aggravanti tar-reat kontinwat u tar-recidiva, u li r-reat sar waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza. Dawn l-aggravanti jaghmlu l-pozizzjoni tal-imputat wahda xejn felici, u hawnhekk il-Qorti ssib diffikulta' mhux zghira li tirrikoncilja l-piena applikabbli ghal kaz bhal dan, inkluz bl-aggravanti, ma' dak li gie sottomess mill-Ufficjali tal-Probation u tal-Agenzija Sedqa. Il-Qorti trid bil-fors tara li qed issir gustizzja f'ghajnejn is-socjeta' fi hdan il-parametri tal-ligi, kif ukoll tara li l-imputat jigi mejghun jeghleb dan il-vizzju bl-assistenza kollha mehtiega.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jista' jkun ta' aktar beneficcju ghal kulhadd li l-imputat jerga' jinghata l-opportunita jirriforma hajtu u jerga' jitqieghed taht is-sorveljanza tal-ufficjali hawn fuq imsemmija. Fir-rigward tas-sentenza sospiza din tista' tigi estiza ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B, biex b'hekk ukoll l-imputat ikollu mezz iehor ta' kontroll fuqu u li ghandu jservi ta' deterrent.

**Ghal dawn il-motivi;**

Illi l-ammissjoni volontarja ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Neville Cassar hati ta' kif akkuzat, u tqieghed lill-istess imputat taht ordni ta' probation, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perijodu massimu ta' tlitt snin, b'dan li ghandu direttament mill-habs, jattendi ghall-programm ghar-rijabilitazzjoni tad-droga, u jtemmu b'success.

Din il-Qorti qieghda, inoltre, testendi s-sentenza ta' prigunerija sospiza datata 29 ta' Novembru 2004 ghall-massimu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------